MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 260/2004

Kawza fil-lista: 15

**A B gja C**
**Vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici izzewwget lill-konvenut fis-6 ta’ Lulju 1991 gewwa l-Katidral ta’ l-Imdina, u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg hawn anness u immarkat bhala Dokument A.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja

mizzewwga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali tieghu;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntratta bejn l-attrici u l-konvenut fis-6 ta' Lulju 1991 huwa null u bla effett fil-Ligi.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha rrimetta ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet izzewgu fis-6 ta' Lulju 1991 meta l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u dan wara gherusija ta' circa sentejn. F' dak iz-zmien l-attrici kellha l-okkupazzjoni ta' post woman filwaqt li l-konvenut kellu s-sengha ta' electrician.[1] Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. It-tifel twieled circa sentejn wara z-zwieg u cioe' fil-

[1] Att taz-Zwieg fol.14

31 ta’ Ottubru 1992 u t-tifla twieldet circa erba snin wara u cioe’ fis-7 ta’ Gunju 1996.

<u>In sustanza</u> l-partijiet taw is-segwenti versjonijiet:

Il-versjoni attrici hija fis-sens li hi zzewget lill-konvenut wara gherusija ta’ circa sentejn, jew ftit anqas, u izzewgitu ghax skond hi l-konvenut kellu hafna problemi d-dar specjalment ma’ ommu tar-rispett u ghalhekk “Izzewgtu ghax thassartu aktar milli ghax habbejtu.”[2] L-attrici tallega li wara li zzewget rat li l-konvenut kien laxk ma’ nisa ohra u di fatti spicca biex kellu relazzjoni ma pulizija mara. Fl-affidavit taghha hi tilmenta f’ dan is-sens mill-komportament tal-konvenut, u fil-parti konkluzjonali tghid li l-konvenut kissrilha l-karattru taghha u kissirha wkoll psikologikament. Hija ssostni li qabel iz-zwieg kien hemm hafna affarijiet li kienu jdejquha fil-konvenut peress li kellu karattru differenti hafna minn taghha, izda qalet li hasbet li maz-zmien jinbidel.

Il-konvenut minn naha tieghu fl-affidavit jaghti stampa ferm differenti minn dik ta’ l-attrici. Huwa jghid li dawn bdew jahsbu fiz-zwieg wara gherusija ta’ circa sentejn u nofs wara li kienu sabu post fejn joqghodu. Iz-zewgt titfal li kellhom kienu ppjanti. Huwa kien jghin lill-attrici b’ mod sostanzjali fil-facendi tad-dar, u kien jiehu hsieb it-tfal waqt li l-attrici kienet tkun xoghol. Il-konvenut jilmenta li mat-twelid tat-tfal l-attenzjoni ta’ l-attrici kienet fokata fuqhom u hu kien ihossu injorat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attrici qeda tibbaza l-azzjoni odjerna ghall-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut fuq vizzju tal-kunsens riferribilment ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Art.19[1] tal-Att Dwar iz-Zwieg, kif sussegwentement emendat.

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attrici ssostni li l-kunsens “tal-partijiet” kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-

[2] Aff. Fol.14

gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza “App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri *[*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]* “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]*

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivanti. Una discrezione che

impegni per il futuro." *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Kif jinsab ritenut fil-kawza *PA Christine Ellul vs Brian Ellul deciza 21.10.2002*, "jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992 Kap.16] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh".
Rigward l-fattur tal-livell tal-maturita' jew in-nuqqas taghha, gie ritenut illi "B' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur ried maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapaicta' tal-partijiet li jaghtu l-kunsens liberu u xjenti taghhom ghar-rabta taz-zwieg" *[PA Spiteri vs Spiteri – 4.11.1994]*.

Illi ghalhekk ghaz-zwieg ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita', izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003].*

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma ssibx sostenn fil-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u

senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu gharajjes ghal circa sentejn, u wara sentejn li zzewgu kellhom tifel u erba snin wara kellhom tifla. Ma rrizultax li il-partijiet dahhlu ghaz-zwieg impreparati minghajr dik il-maturita' ekwilibrata u l-gudizzju ghaqli dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Di fatti mill-affidavit[3] tal-konvenut jidher li dawna kienu semghu "lectures ta' Kana".

Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-attrici li hija zzewget lill-konvenut ghax thassritu minhabba l-"hafna problemi" li dan kien qed jintaqa' maghhom id-dar fejn kien qed jghix, il-Qorti tirrileva li din l-allegazzjoni tiddghajjef hafna meta tigi ezaminata mill-optika tal-verosimiljanza. Inoltre, *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u ghalhekk kien l-oneru ta' l-attrici li tipprova sodisfacentement dan il-fatt minnha allegat u li skond hi wassalha sabiex tiehu decizjoni daqshekk determinanti ghall-hajjitha li tizzewwgu u cioe' tinghaqad mieghu f' hajja konjugali ghal dejjem. Izda apparti din il-mankanza fil-provi, l-istess attrici naqset li tispecifika jew almenu tindika x' kienu dawn il-problemi. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux qed taccetta bhala veritieri din l-allegazzjoni.

Jidher li wara z-zwieg ir-relazzjoni bejn il-partijiet zviluppat diffikultajiet li wassluhom ghal separazzjoni personali. Jista' wkoll jaghti l-kaz li dak li qalet l-attrici dwar ir-relazzjoni extra maritali tal-konvenut kienet veritiera [ghalkemm l-attrici ma gabet ebda prova in propositu nonostante li fl-affidavit taghha qalet li hi kienet taf min kienet il-mara l-ohra], izda dawn il-problemi, ghalkemm jistghu jservu ta' bazi ghal separazzjoni personali, ma jwasslux per se ghan-nullita' taz-zwieg bazat fuq il-kawzali in disamina.

Hija applikabbli ghal kaz l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel*

[3] Fol.25

*Schembri deciza 9.04.2003* li trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizutaw [jizviluppaw] waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni , u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament.

Dan il-bran japplika wkoll ghal caput nullitatis kontemplat fil-para.[f] tal-Art.19[1] li jikkontempla l-kaz ta' vizzju ta' kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Anke f' dan ir-rigward l-attrici qeda timputa s-simulazzjoni fil-konfront kemm taghha kif ukoll tal-konvenut.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs C Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996] .*

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Fil-kaz in disamina dan kjarament ma rrizultax provat. Mhux inopportun li jinghad li l-imputazzjoni ta' difett serju ta' diskrezzjoni li fuqu l-attrici ibbazat l-ewwel kawza, teskludi l-imputazzjoni tas-simulazzjoni li fuqha hi bbazat it-tieni kawzali. Din l-osservazzjoni qed issir in vista tal-fatt li fir-raba paragrafu tac-citazzjoni dawn il-kawzalijiet

gew proposti mhux biss bhala kawzali alternattivi izda wkoll bhala kawzali kongunti, bil-kliem “u/jew”.

Illi in vista tal-premess it-talba attrici hija ngustifikata fil-fatt u fil-ligi u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------